MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2007

Numru 980/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**v**

**DIANA GATT nee SEYCHELL**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **DIANA GATT nee SEYCHELL** ta’ sebgha w tletin sena mart Henry, bint il-mejjet Albert u Josephine nee Chetcuti, imwielda l-Awstralja nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Settembru 1968 u residenti 171, Triq B’Kara, San Gwann, detentrici ta’ karta tal-identita numru 51199M giet imressqa quddiemha akkuzata:

1. talli fid-disgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti zda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula

b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifika foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn elf u hames mitt lira maltin ghad-dannu tal-Bank of Valletta plc;

2. talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ffalsifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, li meta jigu ppresentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank, stabbiliment pubbliku tal-Gvern, kif wkoll talli xjentement ghamlet uzu minnhom;

3. talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dak l-att jew skrittura wara li kienu gew ffirmati nkellha billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dak l-att jew skrittura kellu jkollu fihom jew kellhom jippruvaw kif wkoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

4. u b'hekk kisret l-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet liberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien erbgha snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2004.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil imputata thallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' esperti

jew periti kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 [fol 51] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputata, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan fis-seduta tal-hamsa ta’ Jannar 2007 [fol 91].

Semghet lil  partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnax ta’ Frar 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 **xehed l-Ispettur Ian Joseph Abdilla** [fol 13] fejn qal li l-Iskwadra tal-Economic Crimes kienet giet infurmata mis-security department tal-Bank of Valletta li certa Diane Gatt nee Seychell detentrici tal-karta tal-identita numru 51199M kienet qed taghmel withdrawals minn numru ta’ accounts tal-Bank of Valletta b’mod frawdolenti.  Hafna minn dawn l-accounts huma accounts tal-mama taghha, ghal liema accounts l-imputata ma kellhiex access jew prokura biex taghmel dawk t-transazzjonijiet.

Fost dawn t-transazzjonijiet, kien hemm sitta, fit-tlettax ta’ Awissu 2005 fejn gibdet mitejn lira mill-branch tal-BOV f’Ghawdex, fis-sittax ta’ Awissu fejn gibdet erbgha mitt lira mill-branch tal-BOV f’Ghawdex wkoll, fit-tlieta w ghoxrin ta’ Awissu 2005 fejn gibdet tlett mitt lira mill-branch tal-BOV f’Ghawdex, fid-disgha ta’ Settembru fejn gibdet mitejn u tletin lira mill-branch tal-BOV f’Ghawdex,  fl-ghoxrin ta’ Ottubru fejn gibdet tlett mitt lira mill-branch tal-BOV f’San Gwann, u t-tnejn w ghoxrin ta’ Ottubru 2005 fejn gibdet mija u hamsin lira mill-branch tal-BOV f’San Gwann.

Qal li kienu gew infurmati li l-imputata kienet dejjem tmur l-bank, tghidilhom li hija Caroline Seychell, li tigi oht l-imputata odjerna, u li wkoll Caroline Seychell ghandha prokura biex thaddem il-kontijiet ta' ommha u taghmel dawn il-withdrawals mill-accounts ta' ommha. Qal li kienu gew infurmati li fis-sena 2003, kien hemm kaz simili fejn kienu qabdu lil imputata taghmel dawn il-withdrawals ghal ammont ta' elf mitejn u hamsin lira pero dakinhar kienu tawha warning tal-BOV u ma kienux hadu passi kriminali kontra taghha.

Spjega li sussegwentement l-imputata, nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru, kienet marret l-BOV f'San Giljan w il-kaxxier li nduna biha sejjah lis-security u dahlet l-pulizija fuq il-kwistjoni. Qal li hu kien arresta lil imputata u meta tkellem maghha din irrilaxxjat stqarrija wara li giet moghtija s-solita twissija, fejn kienet ammettiet mieghu li gieli qalet lil kaxxier li kienet Caroline Seychell u li gieli ffirmat bhala Caroline Seychell fuq l-bank slips li kienet tinghata mill-bank. Mistoqsija ghaliex kienet taghmel hekk, l-imputata kienet wegbitu li peress li ma tahdimx u kienet tinsab f'certi bzonnijiet u li peress li ma kienx fair li ohtha Caroline kellha prokura fuq il-kontijiet t'ommha u ghalhekk ohtha setghet tgawdi mill-flus ta' ommha waqt li hi ma setghetx, hija ddecidiet li tigbed xi flus. Qal li l-imputata kienet stqarret mieghu li jiddispjaciha ghal dak li ghamlet u li kienet lesta li trodd lura dak li hadet bil-ftit il-ftit. Qal li dawn l-kontijiet kienu f'isem omm l-imputata li jisimha Josephine Seychell nee Chetcuti.

Mistoqsi minn kien ghamillu r-rapport, x-xhud wiegeb li dan kien sar direttament mill-bank. Mistoqsi jekk kellimx lil omm l-imputata, dwar jekk kellhiex pjacir li l-imputata tigbed mill-kontijiet taghha, ix-xhud wiegeb li ommha qaltlu li bintha Diane ma kellhiex procura taghha. Mistoqsi jekk verbalment kienetx awtorizzat lil bintha l-imputata tigbed l-flus, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata bhala document CSH. Esibixxa wkoll zewg karti tal-identita ta' Josephine Seychell, wahda li giet immarkata bhala document CSH 1 u li nstabet taht l-karozza tal-imputata meta giet arrestata

w ohra li giet mmarkata bhala document CSH 2 li wkoll nstabet fil-pussess tal-imputata.
Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 **xehdet WPC 103 Marcelle Mifsud** [fol 19] fejn wara li rat l-istqarrija document CSH esibita fl-atti, ikkonfermat l-firma taghha, dik tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla kif wkoll dik tal-imputata fuqha. Ikkonfermat wkoll li din giet rilaxxjata wara li l-imputata giet moghtija s-solita twissija.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 **xehed Martin Vella** [fol 21] fejn qal li hu jahdem bhala skrivan fl-internal audit tal-Bank of Valletta. Qal li nhar d-disgha ta’ Settembru 2005, kien giet kkuntattjat mill-BOV branch ta’ Ghawdex li klijenta taghhom, Caroline Seychell kienet qed tikkontesta transazzjoni li kienet saret dakinhar stess fuq il-kont taghha. Qal li kien ra l-video ta’ nies li kienu dahlu fil-bank dakinhar u skond l-ufficjali tal-istess bank, irrizulta li l-persuna li kienet ghamlet t-transazzjoni dakinhar kienet oht Caroline Seychell u cioe l-imputata odjerna. Qal li ngibdu mill-kont, current account f’isem Caroline Seychell numru 1650428316 is-somma ta’ elf u hames mitt lira maltin. Qal li l-firma ma taqbilx mal-ispecimen signature fuq l-kont kif wkoll il-withdrawals li saru minn dan l-kont li esibixxa bhala document AB. Zied jghid li bejn Gunju u Lulju 2004, ingibdet s-somma ta’ erbgha mija hamsa w disghin lira minn savings f’isem Josephine Seychell u Caroline Seychell, numru 20011733957. Qal li f’dan l-kaz, kif gara fil-kaz l-iehor, l-bank irrifonda dawn il-flus lil klijent w ghalhekk dan il-klijent ma sofra ebda danni. Ix-xhud esibixxa wkoll withdrawal slips u specimen signature ta’ dan il-kont li gew immarkata bhala document AB 1. Mistoqsi jekk hemmx xi prokuri fuq dan z-zewg kontijiet, x-xhud wiegeb li ma kienx hemm oltre dak f’isem Caroline Seychell.

Illi nhar l-ghaxra ta’ April 2006 **xehdet Caroline Seychell** [fol 60] fejn qalet li hi ghandha kontijiet mal-Bank of Valletta fil-branch ta’ Bormla u ta’ San Gwann. Qalet li l-current account ta’ Bormla kien igib in-numru 16504283016. Ix-xhud qalet li hi qatt ma tat l-prokura lil hadd fuq dawn l-kontijiet taghha.

Meta giet murija d-dokument a fol 40 li jirreferi ghal kont li hi ghandha flimkien ma ommha, x-xhud qalet li hi biss ghandha prokura fuq dan il-kont.  Qalet li hi qatt ma tat permess lil ohtha l-imputata biex tigbed flus minn dan l-kont.

Meta giet murija d-dokumenti esibiti a fol 30, 32, 34 u 38 tal-atti, x-xhud qalet li l-firma li hemm fuq d-dokument a fol 30 ma kienetx taghha.  Qalet wkoll li l-firma li hemm fuq d-dokument a fol 31 ma hiex ta' ommha, dik a fol 32 mhux taghha, dik a fol 33 mhux ta' ommha, dik a fol 34 mhux taghha, dik a fol 35 mhux ta' ommha, dawk a fol 36 u 37 mhux ta' ommha u l-firma a fol 38 mhux taghha.

Meta giet murija d-dokumenti a fol 23 sa 28 tal-atti, x-xhud ikkonfermat li l-firma li hemm ma kienetx taghha.  Qalet li l-flus li gew migbuda minn fuq il-kont taghha gew ritornati lilha mill-bank.  Qalet li hi kienet infurmat lil bank mill-bidu nett dwar dak li kien qed jigri.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehdet l-Ispettur Louise Calleja** [fol 87] fejn wara li rat s-sentenza esibita a fol 54 tal-atti kkonfermat li l-imputata imsemmija f'dik is-sentenza hija l-istess imputata presenti fl-awla f'dawn il-proceduri, liema sentenza nghatat mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza ma ressqet l-ebda provi u l-imputata, kif kellha kull dritt, ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.  Pero l-imputata, a tempo vergine tal-investigazzjoni, rrilaxxjat stqarrija li hija esibita bhala document CSH nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005.

Illi l-imputata ammettiet li gieli kienet tigbed xi flejjes mill-kontijiet bankarji ta' ommha u kienet tiffirma f'isem ohtha Caroline Seychell u dan minghajr ma kellha tali permess. Ikkonfermat wkoll li prokura ma kellhiex u li kienet taf li ma setghetx taghmel dak li ghamlet.
Mistoqsija jekk kienetx taf li kienet qed tiffirma l-falz, l-imputata wiegbet li ghaliha dan kolllu kien ghajnuna.

Illi mill-provi prodotti ghalhekk ma hemmx dubbju li dak li ghamlet l-imputata kien li tiddefroda lil bank mis-somma ta' elf u hames mitt lira maltin. Dan jirrizulta anke mix-xhieda tal-imputata stess u li dan ghamlitu b'ingann billi wriet xi haga ohra billi ippozat ta' ohtha Caroline Seychell sabiex tirtira l-flus mill-bank mill-kontijiet ta' ommha.

Dwar t-tieni w it-tielet akkuza, u cioe ta' falsifikazzjoni w uzu ta' dokument falz, liema zewg akkuzi huma assorbiti f'xulxin, il-Qorti rat li skond x-xhieda tal-imputata stess, l-imputata ffirmat dokumenti f'firma ta' ohtha biex tigbed l-flus w ghalhekk ma hemmx dubbju li b'dan, hija xjentement ghamlet uzu minn document falz li bih ottjeniet l-hlas.

Ili dwar r-raba akkuza, u cioe dik li l-imputata kkommettiet reat wara li ngahtat sentenza fejn giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien erbgha snin u dan b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2004, il-Qorti ezaminat din s-sentenza li tinsab esibita fl-atti a fol 54 bhala document Z u minn ezami tal-istess ma jirrizultax li l-imputata nghatat xi conditional discharge ghaliex fil-fatt skond din is-sentenza, l-imputata nghatat sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin.

Illi ghalhekk, din r-raba akkuza ma tirrizultax ppruvata.

Fil-fatt il-Qorti nnutat li anke l-Avukat Generali fl-artikoli li baghat, naqas li jiccita l-artikoli koncernati ghal din l-akkuza, izda ccita dawk naxxenti mill-Att tal-Probation Kap 446 meta l-imputata qatt ma nghatat xi probation. Milli jidher, anke l-Avukat Generali bi zvista naqas li jindika l-akkuza ta' recidiva l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u naqas li jakkuza lil imputata li kkommettiet reat waqt l-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.
Dan nonostante, l-Qorti rat l-fedina penali tal-imputata esibita fl-atti a fol 59 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputata diga kisret dufrejha mal-ligi f'hames okkazzjonijiet bejn s-sena 1990 u s-sena 2004 u dan meta

nstabet hatja fuq diversi akkuzi ta' pussess ta' droga Eroina, ksur ta' probation u bigamija.

Illi minkejja dan kollu, l-imputata ma tghalmitx minn dawn l-esperjenzi u regghet tinsab l-Qorti akkuzata bir-reati odjerni.

Il-Qorti rat li l-intenzjoni tal-imputata kienet li taghmel hsara billi tinganna lil familjari taghha u li ddispjaciha ta' dak li ghamlet.  Rat pero li l-ammont ta' flus li hadet kien wiehed konsiderevoli u li huwa l-Bank of Valletta li ghandu jsofri d-danni ta' ghemilha.

Ghalhekk il-Qorti thoss li piena karcerarja fil-massimu taghha hija l-piena idoneja f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 190, 308, 309, 310, 167, 169, 183, 184, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputata DIANA GATT nee SEYCHELL hatja tal-ewwel tlett akkuzi u tiddeciedi li tikkundannah ghal sentejn [2] prigunerija sospizi ghal erbgha [4] snin filwaqt li tiddikjara li ma ssibhiex hatja tar-raba [4] akkuza u tilliberaha minnha.**

**Il-Qorti fissret lil imputata fi kliem car x'ifisser l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------